16 ta' April, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Il-Pulizija versus Carmela Micallef*

## Storbju bl-Għajjat u Ġlied — Art. 352 inċiż (m) u inċiż (bb) tal-Kodiċi Kriminali.

*L-akkuża ta' storbju bl-għajjat u l-ġlied ma ssibx ir-riskontru tagħha fil-liġi.*

*Każijiet simili jistgħu, fil-każi kongruwi, jaqgħu taħt żewġ disposizzjonijiet, jiġifieri taħt l-inċiż (m) tal-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali, jew taħt l-inċiż (bb) tal-istess artikolu.*

*L-ewwel imsemmi nċiż jiddisponi dwar "min, bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, jew bl-għajjat, jew b'mod ieħor"; u l-inċiż (bb) jikkontempla l-fatt ta' minn "jikser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali".*

*L-akkuża formulata bil-kliem "storbju bl-għajjat u l-ġlied" hija magħmula b'lokuzzjoni ibrida, li ma ssibx korrispondenza fit-test tal-liġi, la f'inċiż wieħed u lanqas fl-ieħor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege".*

*Jeħtieġ li fl-imputazzjoni r-reat ikun formulat skond il-liġi; altrimenti reat ma hemmx. Għaliex kliem inventati mill-uffiċjal prosekutur mhux in konformità mal-liġi ma joħolqux reat.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmija Carmela Micallef talli f'Church Street, Imsida, fil-25 ta' Jannar, 1955, f'xi s-2.30 p.m., għamlet storbju bl-għajjat u bil-ġlied;

*Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Frar, 1955, li*

biha sabitha ħatja u kkundannatha għall-ammenda ta' ħames xelin (5s.);

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Carmela Micallef, li biħ talbet ir-revoka tad-deċiżjoni fuq imsemmija, u li tiġi assolta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hi hekk konċepita fiċ-ċitazzjoni: "Għamlu storbju bl-għajjat u l-ġlied";

Issa, każijiet simili jistgħu, fil-każi kongruwi, jaqgħu taħt żewġ dispożizzjonijiet, vwoldiri jew taħt l-inċiż (m) ta' l-art. 352 Kap. 12, liema inċiż jgħid hekk: "bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor", jew taħt l-inċiż (bb) ta' l-istess artikolu, li jgħid: "b'xi mod ieħor, mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku";

Fl-ewwel inċiż, il-liġi trid tolqot kull mod li biħ "si possa raggiungere l'effetto che la legge vuole impedire, cioè il disturba della quiete degli abitanti ........ " (ara App. Krim. "Pol. vs. Galea", 17 ta' Ottubru, 1902);

Fl-inċiż l-ieħor, ir-reat hu divers, u ġie spjegat mill-President Sir Adriano Dingli, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja", 10 ta' Ġunju, 1890, b'dawn il-kliem: "Il buon ordine e la tranquillità publica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, nel rispetto dei diritti e dei doveri, sia degli individui di faccia all'autorità pubblica, sia degli individui stessi fra di loro; e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica o della sicurezza individuale è violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato. Le Leggi Criminali ne trattano in varie parti, e specialmente negli articoli 38 al 75 pei casi più gravi, e nell'art. 307 pei casi lievi; e la disposizione generale contenuta nell'inciso 32 di quest'ultimo articolo comprende tutti i reati e tutti gli atti violenti commessi sotto circostanze atte nel tempo stesso a provocare direttamente o indirettamente ad altri reati contro le persone" (Ma hemmx bżonn jingħad li l-artikoli f'din is-sentenza issa ċitata huma skond in-numerazzjoni

oriġinali tal-Kodiċi, u qabel ir-rinumerazzjonijiet li saru in segwitu);

Għalhekk, skond din is-sentenza, għall-finijiet ta' dan ir-reat il-ġudikant għandu jqies l-element ta' "any apprehended or likely breach of the peace";

Minn dan jiġi illi, meta l-Pulizija tikkunsidra li l-każ partikulari ma hux sempliċi disturb tal-mistrieħ tan-nies, imma jaqa' taħt l-inċiż (bb), allura l-imputazzjoni għandha tkun formulata skond it-termini ta' dan l-inċiż. Il-lum, li fil-liġi hemm it-test uffiċjali Malti, ma jistax ikun hemm aktar skuża li jintużaw fiċ-ċitazzjonijiet kliem u lokuzzjonijiet li ma humiex fit-test tal-liġi;

Fil-każ preżenti, l-uffiċjal prosekutur uża lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-liġi, la f'inċiż wieħed u anqas fl-ieħor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege". Infatti, jingħad hekk fiċ-ċitazzjoni: "Għamlu storbju bl-għajjat u bil-ġlied". L-inċiż (m) ma jgħidx hekk, imma jgħid: "Bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor";

Del resto, skond iċ-ċitazzjoni, dan il-fatt hu allegat li sar fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofs inhar, u kwindi mhux bil-lejl kif jirrikjedi l-artikolu, apparti d-desiderabbilità li "in lege condenda" jiġi kunsidrat mill-awtorità kompetenti jekk hux il-każ li titneħħa din il-limitazzjoni tal-kliem "bil-lejl", peress li fil-preżent it-tendenza ta' kull pajjiż ċivilizzat hi li l-ħsejjes bla bżonn jiġu mnaqqsin kemm jista' jkun, bil-lejl jew bi nhar;

Lanqas tista' l-imputazzjoni, kif formulata, tadatta ruħha għall-inċiż (bb), għax dan ma jgħidx "għamlu storbju bl-għajjat u l-ġlied", kif hemm fiċ-ċitazzjoni, imma jgħid "jiksru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku";

L-Ewwel Qorti ċċitat dan l-inċiż, imma hu ċar li l-imputazzjoni ma hijiex skond l-inċiż (bb);

Data d-distinzjoni bejn ir-reat ta' l-inċiż (m) u r-reat taħt l-inċiż (bb), jeħtieġ li tiġi abbandunata darba għal dejjem din id-drawwa li tiġi użata mill-uffiċjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx ir-riskontru tagħha fil-liġi, u li biha l-Prosekuzzjoni qisha trid li l-Qorti ssib lill-imputat

ħati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqgħax taħt ebda dispożizzjoni tal-liġi;

Glied u għajjat, anki bejn tnejn minn nies biss, jista' jagħti lok għal "apprehended or likely breach of the peace", kif inhu l-każ ta' sempliċi "affray" li hu "misdemeanour" fil-liġi Ingliża; u jkun hemm "a breach of the peace" malli jkun hemm "an interruption" of that peace and good order which ought to prevail in a civilised country" (ara Moriarty, Police Law, 1948 edition, p. 193). Imma jeħtieġ li fl-imputazzjoni r-reat jiġi formulat skond il-liġi, altrimenti reat ma hemmx; għax il-kliem inventati mill-uffiċjal prosekutur, u mhux in konformità mal-liġi, ma joħolqux reat;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellanti mhux ħatja fis-sens premess, u tordna li tiġi liberata.